MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## LAWRENCE QUINTANO

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2011

Numru 1/2010

**Ir-Repubblika ta’ Malta**
**Vs**
**David Zerafa**

**Sentenza dwar l-Eċċezzjonijiet Preliminari.**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuża numru 1 tas-sena 2010 kontra l-akkużat David Zerafa, li bih huwa ġie akkużat talli:

1. Wara li l-Avukat Ġenerali ppremetta fl-Ewwel Kap illi David Zerafa u Clemia Zerafa kienu miżżewġin iżda b’xorti ħażina dan iż-żwieġ sfaxxa u nbdew il-proċeduri ta’ separazzjoni personali. Clemia Zerafa irrikorriet għas-servizzi legali tal-Avukat Dr. Michael Grech, biex jgħina u jiggwidaha fil-proċeduri tas-separazzjoni. Pero David Zerafa qatt ma seta’ jaċċetta din is-sitwazzjoni ta’ separazzjoni minn ma martu. Daħħalha f’rasu li l-Avukat Dr. Michael Grech kien kissirlu l-familja.

Minħabba f'hekk l-akkużat David Zerafa iddeċieda li dan l-Avukat, Dr. Michael Grech, kellu jpattiha qares billi joqtol lil Dr. Michael Grech jew li jqiegħdlu ħajtu f'perikolu ċar. Ħaseb kif kellu jwettaq dan il-ħsieb tal-biża u ddeċieda li jwetqu. L-akkużat David Zerafa beda jsegwi l- movimenti ta' Dr. Michael Grech. Ħaseb minn qabel biex jarma ruħu b'arma tan-nar (pistola) u munizzjon, kif ukoll għasluġ (speċi ta' baseball bat), boiler suit u balaklava. Ħaseb ukoll li jekk jgħatti wiċċu jkun aħjar, għax ma jkunx jista jintagħraf. Ħaseb ulterjorment li jsib l- għajnuna ta' persuna oħra biex jgħinu fit-twettieq ta' dan il-pjan.

Nhar it-Tlieta, ħamsa u għoxrin (25) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbgħa (2004) Dr. Michael Grech lesta tard mill-uffiċju fejn kien iservi fir-Rabat, Għawdex. Għal-ħabta tal-għaxra ta' fil-għaxija kien għadu sejjer lejn id-dar wara ġurnata mimlija xogħol. Kif wasal ħdejn il-blokk ta' l- appartamenti fejn kien jirrisjedi fi Triq Santa Marija, Marsalforn, limiti taż-Żebbuġ, Għawdex, Dr. Grech ipparkja l-karozza tiegħu fil-garage u rħielha lejn l-appartament tiegħu. Tela l-indana taraġ tal-komun li kienet twaslu sal-appartament tiegħu, numru tlieta. Kif wasal ħdejn il- bieb tal-appartament tiegħu, poġġa l-bagalja mal-art u hekk kif kien ser jidħol id-dar, qajla kien qed jimmaġina dak li kellu lest għalih l-akkużat David Zerafa.

Fil-fatt għall-ħabta tal-għaxra ta' fil-għaxija, l-akkużat u l-persuna l-oħra li assistietu, marru jistennew lil Dr. Michael Grech fl-indana taraġ tal- blokk t'appartamenti li fih kien jirrisjedi Dr. Michael Grech, sabiex hekk kif jasal ikunu jistgħu jagħtuh is-salt. Filfatt staħbew fid-dlam tal-indana taraġ tal-komun tal-blokk t'appartamenti, armati bil-pistola u bl-għasluġ u b'wiċċhom mgħammad.

Hekk kif l-Avukat Dr. Michael Grech kien dieħel fl-appartament tiegħu, l-akkużat David Zerafa u l-persuna li kienet miegħu ħebbew għal Dr. Michael Grech u ppruvaw jimmobilizzawh. Inqalgħet kommozzjoni u għajjat li nstema minn min kien jirrisjedi f'dik il-

blokka appartamenti. L- akkużat, bl-intenzjoni li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Dr. Michael Grech f'perikolu ċar, spara l-arma tan-nar fid-direzzjoni ta' Dr. Michael Grech fejn laqtu f'għonqu. Wara l-akkużat, waqt li kien qed isegwi lill- Dr. Grech li kien qed jipprova jaħrab minn din l-aggressjoni ipponta din l-arma tan-nar lejn id-direzzjoni tal-bieb tad-dar ta' Dr. Michael Grech, fejn dak il-ħin inzerta li kien hemm il-mara ta' Dr. Michael Grech, Maria Grech, li rat ċar għajnejn l-akkużat iħarsu lejha fil-qilla ta' dak il- mument.

L-akkużat kompla jissara ma' Dr. Michael Grech li sadattant ġie mkaxkar barra mill-indana taraġ tal-komun tal-appartamenti fost kommozzjoni u għajjat u ttieħed barra fi triq li kienet tagħlaq. Hemmhekk l-akkużat David Zerafa, issokta bl-intenzjoni li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Dr. Michael Grech f'perikolu ċar billi beda jagħti daqqiet b'għasluġ (f'forma ta' "baseball bat") fuq il-ġisem u fuq ras Dr. Michael Grech. Dawn id-daqqiet ġew mogħtija b'tant saħħa u feroċja li rriżulta li kawża ta' dawn id-daqqiet, Dr. Michael Grech sofra l-frattura tal-iskutella tal-moħħ u laċerazzjoni tal-moħħ. Minħabba fil-ġrieħi li sofra, Dr. Michael Grech, tilef ħajtu.

Sadattant l-akkużat David Zerafa u sieħbu l-malvivent ħarbu jiġru minn fuq il-post u marru jeħilsu mill-armi li wżaw fit-twettieq ta' dan l-omiċidju barbaru kif ukoll marru jneħħu l-ħwejjeġ kollha demm li kellhom fuqhom f'kamra li l-akkużat kien juża fir-Ramla l-Ħamra, limiti tan-Nadur, Għawdex.

Wara ftit żmien David Zerafa kien stqarr l-involviment tiegħu f'dan l- omiċidju volontarju ma żewġ ġuvintur kif ukoll stqarr magħhom ir-raġuni li waslitu jikkommetti dan ir-reat hekk faħxi. Fis wara li l-Pulizija waslitilha din l-informazzjoni l-akkużat ġie arrestat u wara nbdew dawn il-proċeduri.

Illi b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija

v. David Zerafa" tat-28 ta' Jannar 2004 l-akkużat David Zerafa instab ħati ta' diversi delitti.

Illi għalħekk, b'għemilu, l-imsemmi DAVID ZERAFA sar ħati ta' omiċidju volontarju u ċioè talli, nhar it-Tlieta, ħamsa u għoxrin (25) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbgħa (2004) għal ħabta tal-22:00, f'Marsalforn, limiti taż-Żebbuġ, Għawdex, dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna (l-Avukat Dr. Michael Grech) jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, ikkaġunalha l-mewt, kif ukoll li huwa rrenda ruħu reċidiv.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi taż-żmien, lok u fatti imsemmija aktar il-fuq f'dan il-kap t'akkuża, jakkuża lill-imsemmi DAVID ZERAFA, reċidiv f'delitt, bħala ħati ta' omiċidju volontarju u ċioè talli nhar it-Tlieta, ħamsa u għoxrin (25) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbgħa (2004) għal ħabta tal-22:00 f'Marsalforn, limiti taż-Żebbuġ, Għawdex, dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna (l-Avukat Dr. Michael Grech) jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, ikkaġunalha l-mewt u billi b'sentenza tal-Qorti tal- Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet "Il- Pulizija v. David Zerafa" tat-28 ta' Jannar 2004 l-akkużat David Zerafa instab ħati ta' diversi delitti, l-Avukat Ġenerali qiegħed jaddebita lill- istess akkużat bir-reċidiva u jitlob li jingħamel skond il-Liġi kontra l- imsemmi akkużat DAVID ZERAFA u illi huwa jiġi kkundannat għall- piena ta' priġunerija għal għomru flimkien mal-piena tar-reklużjoni għal mhux aktar minn tnax il-perjodu, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 211(1)(2), 17, 23, 31, 49, 50, 51 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija tal- imsemmi akkużat.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fl-isfond tal-istess fatti u ċirkostanzi taż-żmien u lok imsemmija fl-ewwel kap ta' dan l-att ta' akkuża, u ċioè nhar it-Tlieta, ħamsa u għoxrin (25) ta' Mejju tas- sena elfejn u erbgħa (2004) għal ħabta tal-22:00 f'Marsalforn,

limiti taż- Żebbuġ, Għawdex, l-akkużat David Zerafa, flimkien ma’ persuna oħra, ppunta arma tan-nar lejn il-persuna tal-Avukat Dr. Michael Grech u sparalu b’din l-arma tan-nar, kif ukoll l-Avukat Dottor Michael Grech ġie minnhom miżmum sabiex l-akkużat ikun jista jtih, u fil-fatt tah diversi daqqiet b’għasluġ (fil-forma ta’ “baseball bat”) fuq diversi partijiet ta’ ġismu u fuq rasu. F’dawk il-mumenti Dr. Michael Grech ġie miżmum kontra l-volontà tiegħu u l-libertà tiegħu ta’ moviment ġiet impeduta. L-akkużat ma kellux ordni skond il-Liġi ta’ l-awtorità kompetenti biex, u ċ-ċirkostanzi ma kienux fost dawk li fihom il-Ligi tagħti s-setgħa lill-privat, li jarresta lil xi ħadd.

Illi b’sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet “Il-Pulizija vs. David Zerafa” tat-28 ta’ Jannar 2004 l-akkużat David Zerafa instab ħati ta’ diversi delitti.

Illi b’għemilu l-imsemmi DAVID ZERAFA sar ħati talli, bla ordni skond il- Liġi tal-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-Liġi tagħti s- setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil xi persuna kontra l-volontà tagħha, jew ta post biex fih din il-persuna tiġi arrestata, miżmuma jew issekwestrata, kif ukoll illi sar reċidiv.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f’isem ir-Repubblika ta’ Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi taż-żmien, lok u fatti imsemmija aktar il-fuq f’dan il-kap t’akkuża, jakkuża lill-imsemmi DAVID ZERAFA, reċidiv f’delitt, ħati talli nhar it-Tlieta, ħamsa u għoxrin (25) ta’ Mejju tas-sena elfejn u erbgħa (2004) għal ħabta tal-22:00 f’Marsalforn, limiti taż-Żebbuġ, Għawdex, bla ordni skond il-Liġi tal-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-Liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil xi persuna kontra l-volontà tagħha, jew ta post biex fih din il-persuna tiġi arrestata, miżmuma jew issekwestrata; u billi b’sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet “Il-Pulizija v. David Zerafa” tat-28 ta’ Jannar 2004 l- akkużat David

Zerafa instab ħati ta' diversi delitti, l-Avukat Ġenerali qiegħed jaddebita lill-istess akkużat bir-reċidiva u jitlob li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall- piena ta' priġunerija minn ħames snin sa disa' snin, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 86, 87(1)(c), 88, 49, 50, 17, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

3. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi fl-isfond tal-istess fatti u ċirkostanzi taż-żmien u lok imsemmija fl-ewwel u t-tieni kap ta' dan l-att ta' akkuża, u ċioè nhar it-Tlieta, ħamsa u għoxrin (25) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbgħa (2004) għal ħabta tal-22:00 f'Marsalforn, limiti taż-Żebbuġ, Għawdex, l-akkużat David Zerafa, dolożament, bil-ħsieb li joqtol lil Dr. Michael Grech jew li jqiegħdlu ħajtu f'periklu ċar, spara arma tan-nar u b'balla minnhom laqat lil Dr. Michael Grech f'għonqu kif ukoll wara tah daqqiet t'għasluġ (fil-forma ta' "baseball bat" fuq diversi partijiet ta' ġismu u fuq rasu) u fil-fatt qatlu. Fil-mument ta' dan id-delitt, l-akkużat David Zerafa kellu fuq il-persuna tiegħu arma tan-nar, liema arma giet effettivament użata fil-kommissjoni ta' l-imsemmi delitt volontarju kontra l-persuna ta' Dr. Michael Grech.

Illi b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija v. David Zerafa" tat-28 ta' Jannar 2004 l-akkużat David Zerafa instab ħati ta' diversi delitti.

Illi b'għemilu l-imsemmi DAVID ZERAFA sar ħati talli, fil-ħin li għamel delitt volontarju kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari, u dan mingħajr għan leġittimu, kif ukoll li sar reċidiv.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi taż-żmien, lok u fatti imsemmija aktar il-fuq f'dan il-kap t'akkuża, jakkuża

lill-imsemmi DAVID ZERAFA, reċidiv f'delitt, ħati talli nhar it-Tlieta, ħamsa u għoxrin (25) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbgħa (2004) għal ħabta tal-22:00 f'Marsalforn, limiti taż-Żebbuġ, Għawdex, fil-ħin li għamel delitt volontarju kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma tan-nar u arma regolari, u dan mingħajr għan leġittimu; u billi b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija vs. David Zerafa" tat-28 ta' Jannar 2004 l-akkużat David Zerafa instab ħati ta' diversi delitti, l- Avukat Ġenerali qiegħed jaddebita lill-istess akkużat bir-reċidiva u jitlob li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux izjed minn tliet snin skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 26(a) ta' l-Ordinanza dwar l-Armi (Kap. 66) [illum artikolu 55(a) ta' l-Att dwar l-Armi (Kap. 480)], u l-artikoli 17, 23, 31, 49, 50, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

4. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fir-Raba` Kap illi fl-isfond tal-istess fatti u ċirkostanzi taż-żmien u lok imsemmija fil-kapi preċedenti ta' dan l-att ta' akkuża, u ċioè nhar it-Tlieta, ħamsa u għoxrin (25) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbgħa (2004) għal ħabta tal-22:00 f'Marsalforn, limiti taż- Żebbuġ, Għawdex, l-akkużat David Zerafa, flimkien ma' persuna oħra, f'post abitat fi Triq Santa Marija f'Marsalforn, limiti taż-Zebbug, Għawdex, spara arma tan-nar kif fuq spjegat, mingħajr ma kien debitament liċenzjat mill-Kummissarju tal-Pulizija biex jagħmel hekk.

Illi b'għemilu l-imsemmi DAVID ZERAFA sar ħati talli, mingħajr liċenzja tal-Pulizija, spara arma tan-nar f'post abitat, jew fi qrib tiegħu, jew fit- toroq pubbliċi, jew fil-portijiet;

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi taż-żmien, lok u fatti imsemmija aktar il-fuq f'dan il-kap t'akkuża, jakkuża lill-imsemmi DAVID ZERAFA, ħati talli nhar it-Tlieta,

ħamsa u għoxrin (25) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbgħa (2004) għal ħabta tal-22:00 f'post abitat, fi Triq Santa Marija f'Marsalforn, limiti taż- Żebbuġ, Għawdex mingħajr liċenzja tal-Pulizija, spara arma tan-nar f'post abitat, jew fi qrib tiegħu, jew fit-toroq pubbliċi, jew fil-portijiet; u jitlob li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur jew multa ta' mhux anqas minn sitta u erbgħin Euro u sittin ċenteżmi (€46.6) ġja ekwivalenti għal għoxrin Liri Maltin (Lm20) u mhux iżjed minn erbgħa mija sitta u sittin Euro (€466) ġja ekwivalenti għal mitejn liri Maltin (Lm200) skond dak li kien hemm u kien jintqal fl-artikolu 24(2), 33(1) u 29 ta' l-Ordinanza dwar l-Esplożivi (Kap. 33), u l-artikoli 17, 23, 33, u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

5. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fil-Hames Kap illi fl-isfond tal-istess fatti u ċirkostanzi taż-żmien u lok imsemmija fil-kapi t'akkuża preċedenti ta' dan l-att ta' akkuża, u ċioè nhar it-Tlieta, ħamsa u għoxrin (25) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbgħa (2004) għal ħabta tal-22:00 f'Marsalforn, limiti taż-Żebbuġ, Għawdex, l-akkużat David Zerafa, kellu f'idejh arma tan-nar u munizzjon mingħajr ma kien debitament liċenzjat mill-Kummissarju tal-Pulizija. Huwa fil-fatt waqt li kien flimkien ma' persuna oħra, spara din l-arma kif intqal fil-kapi preċedenti.

Illi b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija v. David Zerafa" tat-28 ta' Jannar 2004 l-akkużat David Zerafa instab ħati ta' diversi delitti.

Illi b'għemilu l-imsemmi DAVID ZERAFA sar ħati talli, mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, kellu fil-pussess jew kontroll tiegħu, jew kellu f'idejh jew fuqu, xi arma tan-nar jew munizzjon barra minn fond jew post li jagħmel miegħu, kif ukoll illi sar reċidiv.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi taż-żmien, lok u fatti imsemmija aktar il-fuq f'dan il-kap t'akkuża, jakkuża lill-imsemmi DAVID ZERAFA, reċidiv f'delitt, ħati talli nhar it-Tlieta, ħamsa u għoxrin (25) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbgħa (2004) għal ħabta tal-22:00 f'Marsalforn, limiti taż-Żebbuġ, Għawdex mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, kellu fil-pussess jew kontroll tiegħu, jew kellu f'idejh jew fuqu, xi arma tan-nar jew munizzjon barra minn fond jew post li jagħmel miegħu; u billi b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija v. David Zerafa" tat-28 ta' Jannar 2004 l-akkużat David Zerafa instab ħati ta' diversi delitti, l-Avukat Ġenerali qiegħed jaddebita lill-istess akkużat bir-reċidiva u jitlob li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux anqas minn ħames xhur u mhux aktar minn tliet snin skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 3(1A), 19 u 27 tal-Ordinanza dwar l-Armi (Kap. 66) [illum artikoli 5(1) u 51(2) ta' l-Att dwar l-Armi (Kap. 480)], u l-artikoli 17, 23, 31, 49, 50, 51 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

Rat l-atti kollha proċesswali, inklużi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat in-Nota ta' eċċezzjonijiet ta' David Zerafa intavolata fis-27 ta' Jannar 2010.

**L-ewwel Eċċezzjoni – In-Nullita' tat-Tieni Kap.**

L-akkużat jissottometti li t-tieni kap tal-Att tal-Akkuża huwa null in kwantu l-fatt miġjub ma jikkostitwix fis-sustanza r-reat miġjub jew deskritt fl-istess kap.

Fit-trattazzjoni orali, l-abbli Difensur issottometta li l-Avukat Ġenerali qed jgħid li fil-kors tal-ġlieda li kien hemm fejn il-persuni kienu qed iżommu lil xulxin, allura jsegwi li kien hemm sekwestru tal-persuna. Il-Leġislatur ma kienx qed jimmira għal tali sitwazzjoni meta lleġisla dwar is-

sekwestru tal-persuna.  Wieħed irid isaqsi ‘Dawn il-fatti x’inhuma?’  Meta qed tissara ma’ bniedem bilfors li int qed iżżommu milli jkollu l-liberta’ tiegħu tal-moviment.

L-abbli Prosekutur kemm fil-parti skritta (Nota ppreżentata fit-2 ta’ Frar 2010) kif ukoll issottometta li fil-parti narrativa hemm miktub li l-akkużat pponta arma tan-nar lejn il-persuna tal-Avukat Dr Michael Grech.

Ikkonsidrat

Li fil-parti tat-tieni kap dwar il-fatti hemm inklużi dawn il-kelmiet:

‘Dr Michael Grech ġie miżmum kontra l-volonta’ tiegħu u l-liberta’ tiegħu ta’ moviment ġiet impeduta.’

L-artikolu 86 tal-Kap 9 jipprovdi kif ġej:

‘Kull min, bla ordni skont il-liġi tal-awtorita’ kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, jarresta, iżomm jew jissekwestra lil xi persuna kontra l-volonta’ tagħha......’

Il-Professur Sir Anthony Mamo jikkommenta kif ġej dwar dan ir-reat:

*‘The words ‘arrest’, ‘detention’ and ‘confinement’ are not synonymous: each indicates a special manner in which an attempt can be made on personal liberty: ‘Il reato preveduto esiste quando alcuno si fermi nel mentre che agisce o cammina; sia quando si faccia rimanere suo malgrado in quel luogo dove si trova; sia quando finalmente si trasposti da un luogo ad altro.*’

Wieħed irid iħares sew lejn it-tliet kelmiet li nsibu fl-artikolu 86.  Fil-fehma tal-Qorti meta wieħed jippuntalek arma lejk, diġa’ qed ‘iżommok’.  Fil-każ odjern l-allegat vittma ma kienx jaf x’ġej għal fuqu.  La kien armat u lanqas kien involut fi ġlieda li qamet f’daqqa waħda bla ma jaf kif.  L-allegat vittma kien attakkat u malli sab l-arma ppuntata lejh ma setax jibqa’ għaddej għall-affari tiegħu

qisu ma ġara xejn.  Is-silta li kkwota l-Professur Mamo mill-awtur Roberti hija relevanti għall-każ odjern.  'Il reato esiste quando alcuno si fermi nel mentre che agisce o cammina'.  M'hemmx għalfejn li biex iseħħ dan ir-reat trid torbot lil xi persuna kontra r-rieda tagħha jew li żżommha maqfula f'xi post partikolari.  Malli l-persuna ssib revolver ippuntat lejha, din mill-ewwel għandha l-liberta' tagħha mhedda għax ma tistax taġixxi kif trid.  Arma ippontata kontra persuna hija agħar minn irbit b'xi ħabel jew biż-żamma tal-idejn jew tas-saqajn.  Arma tiffriża lil dak li ma jkunx qed jistennieha.

Għaldaqstant il-Qorti qed tikkonkludi li l-azzjoni deskritta fil-fatti taħt it-Tieni Kap tal-akkuża taqa' taħt l-artikolu 86 et tal-Kap 9.  Il-Qorti qed tirrespinġi din l-ewwel eċċezzjoni.

**It-Tieni Eċċezzjoni – L-inammissibilita' ta' kull referenza għall-informazzjoni anonima.**

It-tieni eċċezzjoni tgħid hekk:

'L-inammissibilita' ta' kull referenza li saret mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni, b'mod partikolari mill-Assistent Kummissarju Pierre Calleja, mill-Ispettur Chris Pullicino u mill-Ispettur Marisa Camilleri għall-informazzjoni anonima li daħlet lill-Pulizija dwar l-involviment tal-esponent fir-reati lilu addebitati kif ukoll id-dokument Z esibit mill-imsemmi Spettur Pullicino in kwantu din l-evidenza hija anonima w intiża biss biex titfa' dell fuq l-esponent u toħloq preġudizzju inġust fil-konfront tiegħu.'

Fit-trattazzjoni orali tiegħu l-abbli Difensur issottometta li l-Qorti żgur sejra tindirizza lill-ġurati dwar x'issarraf tali evidenza mil-lat probatorju.

Min-naħa l-oħra l-abbli Prosekutur issottometta li dan kollu għandu jittieħed fl-isfond tal-fatt illi meta l-Ispettur Pullcino kien qed jixhed, xehed estensivament.'

Fil-fehma tal-Qorti din l-eċċezzjoni qed tirreferi għall-'hearsay rule.'  Huwa dmir tal-Qorti li tfiehem lill-ġurati li dak li jixhdu l-membri tal-Pulizija Esekuttiva jrid ikun

ippruvat permezz ta' xhieda li semgħu jew raw. Għalhekk hija u tindirizza lill-ġurati trid tiġbed l-attenzjoni tal-ġurati li informazzjoni anonima m'għandha ebda valur probatorju. B'dan il-mod tkun riżolta t-tieni eċċezzjoni li qajmet id-difiża.

**It-Tielet Eċċezzjoni – L-inammissibilita' tan-Notamenti tal-Ispettur Chris Pullicino**

Din l-eċċezzjoni tgħid hekk:

'L-inammissibilita' tar-rapport ossia notamenti tal-Ispettur Chris Pullicino in kwantu ma jikkostitwux prova valida skont il-Liġi.'

L-abbli Difensur issottometta li kulħadd jaf xi prova għandhom jew m'għandhomx tali notamenti u li l-Qorti żgur ser taghmel ir-rakkomandazzjonijiet li solitament isiru.

L-abbli Prosekutur wieġeb li dawn in-notamenti għandhom jittieħdu fl-isfond tal-fatt illi l-Ispettur Chris Pullicino xehed estensivament.

Il-Qorti qed tiddeċiedi din l-eċċezzjoni kif ġej:

(a) In-Notamenti magħmulin minn xi xhud biex jiffriska l-memorja huma ammissibbli propju għal dan l-iskop – jiġifieri biex wieħed ikun jista' jiftakar x'ġara – f'dan il-każ - matul l-investigazzjoni.

(b) Id-difiża għandha dritt tarhom.

(ċ) Ma jagħmlux prova fil-konfront tal-akkużat. Jekk ikun hemm bżonn tindirizza l-ġurija dwar dan.

**Ir-raba' Eċċezzjoni. L-inammissibilita tar-relazzjoni tal-patoloġisti**

Din l-eċċezzjoni tgħid hekk:

‘L-inammissibilita’ tar-relazzjoni tal-patoloġisti Prof Marie Therese Camilleri Podesta u Dr Ali Salfraz in kwantu mhux redatta fil-lingwa tal-proċeduri.’

Din il-Qorti qed tiċħad din l-eċċezzjoni għal dawn ir-raġunijiet:

(a) L-ewwelnett dawn l-esperti jistgħu jixhdu bil-Malti u jekk hemm bżonn ifehmu r–rapport tagħhom bil-lingwa Maltija. Jistgħu ikunu jiċċarraw xi punti għal kull mistoqsija li ssirilhom mill-Prosekuzzjoni, mid-Difiża jew mill-Ġurati billi jużaw il-Malti;

(b) Huwa ferm diffiċli li jinkiteb rapport bil-Malti minħabba t-termini tekniċi użati u mhux faċli li tobba li studjaw fuq kotba bl-Ingliż, marru jkomplu l-istudji tagħhom f’universitajiet Ingliżi u jgħallmu s-suġġett bl-Ingliż u ilhom jagħmlu dan għal ta’ lanqas għoxrin sena f’daqqa waħda jibdew jiktbu r-rapporti bil-Malti. La l-Kap 9 u lanqas il-Kap 189 (li ilu fis-seħħ mill-1965) m’għandhom jitqiesu li qed joħolqu xi nullitajiet bla bżonn biex jitħawwad il-kors tal-ġustizzja. Il-prinċipju huwa li l-Malti għandu jintuża għax din hija Qorti Maltija u l-Malti huwa l-ilsien nazzjonali kif ukoll wieħed mill-ilsna uffiċjali. Iżda b’daqshekk ma jfissirx li wieħed jinjora r-realta’ u li jkun prammatiku fit-tħaddim kemm tal-Kap 9 kif ukoll tal-Kap 189.

**Il-ħames eċċezzjoni – L-inammissibilta’ tal-attti tal-proċess Clemia Zerafa vs David Zerafa.**

Din l-eċċezzjoni tgħid hekk:

L-inammissibilta’ tal-atti tal-proċess fl-ismijiet ‘Clemia Zerafa vs David Zerafa’ in kwantu mhumiex prova valida skont il-liġi u huma intiżi biex jitfgħu dell fuq l-esponent u joħolqu preġudizzju nġust fil-konfront tiegħu.’

L-abbli Difensur issottometta li x-xhieda jsiru bażikament bi tliet modi: viva voce, ir-reperti u l-verbali. Għalhekk dan il-proċess mhux mod kif isiru l-provi. Barra minn hekk dan il-proċess fih stqarrijiet ta’ mart l-akkużat. Mart l-akkużat

tista' tixhed biss skont kif jiddisponi l-artikolu 635 tal-Kap 9.

L-abbli Prosekutur qal li ma kienx il-ħsieb tal-Prosekuzzjoni li l-ġurati jingħataw ħafna karti. Ir-raġuni għala dan il-proċess kien ippreżentat kien sempliċi: Wara dan l-omiċidju deher li kien hemm, jew seta' kien hemm, mventi partikolari. Il-Prosekuzzjoni mhix tenuta li tipprova l-movent iżda l-proċess huwa importanti għall-parti narrativa. L-importanti mhux x'ġara f'dawk il-proċeduri għax mhux relevanti għal dan il-każ iżda għall-fatt li kien hemm tali proċeduri u min kien ippatroċinja lil min f'dawk il-proċeduri. Fil-parti skritta

Qabel xejn huwa ta' min jipproduċi din is-silta mis-sentenza 'Ir-Repubblika ta' Malta versus Emanuel Farrugia u Raymond Borg' tat-13 ta' Jannar 1997 (Appell Kriminali Superjuri Volume: LXXXI.IV.1) fejn jingħad den li ġej:

*'Fis-sistema tagħna ma hemm assolutament xejn x'jipprekludi li atti proċesswali rigwardanti terzi jidħlu fl-atti proċesswali ta' persuna oħra, purche' dawk l-atti jkunu relevanti u ta' utilita' għall-proċess li jkunu dejjem fil-parametri tal-Liġi.'*

Għalhekk il-Qorti ma qed tirraviża xejn irregolari fil-preżentazzjoni ta' dan il-proċess. Il-Qorti flietu kollu u kkonkludiet li tirrisolvi din l-eċċezzjoni kif ġej:

(a) Jekk jitla' jixhed ir-reġistratur tal-Qorti jista' jikkonferma jew le l-eżistenza tat-tali proċess, min kienu l-partijiet u min kienu l-avukati li qed jippatroċinaw lill-partijiet.

(b) Il-ġurati ma jingħatawx kopja ta' xhieda jekk din b'xi mod tmur kontra l-artikolu 635;

(ċ) Tkun il-Qorti li tiddeċiedi jekk hemmx xi folja jew folji (fuq talba tal-Prosekuzzjoni jew tad-difiża) li tkun jew ikunu tassew relevanti għall-każ in ezami **iżda mhux li tingħata kopja ta' dan il-proċess ut sic**. Il-folji involuti kollha jibdew a fol 918 u jispiċċaw a fol 1088 bis-sentenza

tas-separazzjoni bejn Clemia Zerafa u David Zerafa mogħtija fid-19 ta' Settembru 2003. (Hemm inklużi xi paġni li emanaw mill-Qorti Kriminali – fol 1008 u 1009 u 1010a sa 1020). Żgur li l-ġurati m'għandhomx jingħataw 'il fuq minn 170 paġina kull wieħed.

**Is-Sitt Eċċezzjoni – L-inammissibilita' tax-xhieda ta' Stephen Spiteri u ta' Rodney Vella**

Din l-eċċezzjoni tgħid hekk:

'L-inammissibilita' tax-xhieda ta' Stephen Spiteri u ta' Rodney Vella peress li tali xhieda neċessarjament tagħmel referenza għall-perjodi meta l-esponent kien jinsab detenut, kif ukoll l-inammissibilita' ta' dawk il-partijiet tax-xhieda ta' xhieda oħra, b'mod partikolari tal-Assistent Kummissarju pierre Calleja u l-Ispettur Chris Pullicino fejn issir referenza għall-imsemmija perjodi.'

Matul it-trattazzjoni orali, l-abbli Difensur issottometta li dawn ix-xhieda jistgħu huma u jixhdu indirettament jikxfu r-reċediva tal-akkużat meta dina ma tkunx żvelata lill-ġurati.

L-ewwelnett, il-Qorti ma tistax tilqa' din l-eċċezzjoni fis-sens li l-Prosekuzzjoni ma tkunx tista' ġġib lil dawn ix-xhieda. Dawn huma xhieda relevanti u għalhekk huma produċibbli.

Mil-lat prattiku, il-Qorti tista' – mhux fil-preżenza tal-ġurija – qabel ma jixhdu dawn ix-xhieda twissihom biex bl-ebda mod ma jirreferu għall-fatt li xi konverżazzjoni saret fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin. Wieħed jifhem li imbagħad la l-Proskeuzzjoni u lanqas id-difiża ma jagħmlu mistoqsijiet dwar fejn saret jew saru l-konverżazzjoni jew konversazzjonijiet. Jekk il-ġurija tagħmel tali mistoqsija l-Qorti għandha tinġibdilha l-attenzjoni immedjatament sabiex ix-xhieda ma jweġbux tali domanda.

Fil-fehma tal-Qorti dan huwa l-aħjar mod kif tista' tiddisponi minn din l-eċċezzjoni.

**Is-seba' eċċezzjoni – L-inammissibilita' tal-Istqarrijiet ta' Stephen Spiteri et.**

Din l-eċċezzjoni tgħid hekk:

'L-inammissibbilita' tal-istqarrijiet ta' Stephen Spiteri, Rodney Vella, Maria Grech u Maria Scicluna peress li ma jikkostitwux prova valida skont il-liġi.'

Skont il-Kap 9 stqarrijiet magħmulin minn persuna jgħoddu biss fil-konfront tagħha. Għalhekk il-Qorti qed tilqa' din l-eċċezzjoni b'dan pero' li dawn l-istqarrijiet jistgħu jintużaw bħala forma ta' kontroll. **Huwa assolutament fid-diskrezzjoni tal-Qorti jekk dawn jingħatawx lill-ġurija bi twissija li waqt li m'għandhom ebda valur probatorju huma jkunu jistgħu jiżnu hix tingħad il-verita' jew le.**

**Eċċezzjonijiet tal-Avukat Ġenerali**

L-eċċezzjoni (a) diġa' kienet ittrattata aktar 'il fuq u qed issir referenza għall-paragrafu relevanti a skans ta' repitizzjoni.

L-eċċezzjoni (b) hija dwar (i) ix-xhieda ta' Clemia Zerafa. Il-Prosekuzzjoni rreferiet għall-artikolu 635(ċ) tal-Kap 9 u qalet li tkun produċibbli biss jekk ikun applikabbli dan l-artikolu. Il-Prosekuzzjoni hija korretta dwar dan iżda jista' jkun hemm deċiżjoni aħħarija matul il-ġuri skont jekk javverawx ruħhom il-kundizzjonijiet tal-paragrafu (ċ) tal-artikolu 635.

It-tieni parti hija dwar ix-xhud numru 8 tad-difiża. Il-Qorti mhix tilqa' din l-eċċezzjoni tal-Prosekuzzjoni ġaladarba l-ġurija trid tiżen ukoll il-karattru ta' min qiegħed jixhed. Għalhekk l-isfond tax-xhieda tal-Prosekuzzjoni ma jsitax ikun eskluż.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------